

SOMMARJU EŻEKUTTIV  
TAR-RAPPORT ANNWALI  
**2015**

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet  
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.**

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (\*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(\* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Merti fotografiċi:

L-Awtorità Bankarja Ewropea,  
istockphoto.com/utah778, page 11

print	ISBN 978-92-9245-272-8	ISSN 1977-8767	doi:10.2853/317389	DZ-AA-16-001-MT-C
epub	ISBN 978-92-9245-259-9	ISSN 1977-8996	doi:10.2853/1231	DZ-AA-16-001-MT-E
web	ISBN 978-92-9245-250-6	ISSN 1977-8996	doi:10.2853/445550	DZ-AA-16-001-MT-N
flip book	ISBN 978-92-9245-214-8	ISSN 1977-8996	doi:10.2853/607890	DZ-AA-16-002-MT-N

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.

Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

© L-Awtorità Bankarja Ewropea, 2016

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

SOMMARJU EŻEKUTTIV  
TAR-RAPPORT ANNWALI  
**2015**



# Kisbiet fl-2015

## It-tlestija tal-ktieb wieħed tar-regoli u t-tisħiħ tal-konsistenza fir-regolamentazzjoni prudenzjali


Fl-2015, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) ħadmet biex titlesta l-parti l-kbira tal-pakkett G20, u b'hekk jissaħħa il-ktieb wieħed tar-regoli applikabbli għas-settur bankarju tal-Unjoni Ewropea (UE). Dan ix-xogħol inkluda standards tekniċi vinkolanti, rapporti, linji gwida u opinjonijiet taħt id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRD)/Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) fir-rigward ta' firxa ta' suġġetti.

Fil-qasam tar-remunerazzjoni, fl-2015, l-EBA ħadmet biex tiżgura qafas ta' remunerazzjoni msaħħa għall-istituzzjonijiet tal-UE u għal kondizzjonijiet ekwivalenti permezz tal-iżvilupp ta' linji gwida dwar politiki ta' remunerazzjoni sodi, li se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Janar 2017. L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità taħt ċirkostanzi speċifiċi kien element prinċipali tax-xogħol tal-EBA f'dan il-qasam, li wassal lill-Awtorità toħroġ opinjoni lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li ser tinforma r-reviżjoni kontinwa tad-dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni.

Fil-qasam tal-likwidità, fl-2015, l-EBA ppubblikat il-proposta tagħha ta' kalibrizzjoni tal-proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett (NSFR) kif ukoll valutazzjoni tal-impatt tagħha dwar il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet tal-UE permezz ta' mudell tan-negożju, dwar is-swieq finanzjarji, is-self ta' bank u l-ekonomija sħiħa. Fir-rapport ta' NSFR, l-EBA rakkomandat l-introduzzjoni tal-NSFR fl-UE fuq bażi individwali u kkonsolidata u pprevediet ċerti rinunzi għal xi speċifitàjiet Ewropej, kif mitlub mill-Kummissjoni. Ir-rapport ta' NSFR se jappoġġja lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tagħha tal-adeqgatezza tal-implimentazzjoni tal-NSFR fl-UE u se jippreżenta l-proposta leġiżlattiva tagħha dwar l-NSFR lill-Kunsill Ewropew u l-Parlament sal-aħħar tal-2016 biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ikollhom sors stabbli tal-finanzjament.

Fl-2015, l-EBA għamlet kontribuzzjoni sinifikanti għall-iżvilupp tal-qafas regolatorju Ewropew tat-titolizzazzjoni u kellha rwol importanti fil-proposta biex terġa' tqajjem mill-ġdid is-swieq ta' titolizzazzjoni fil-kuntest

Figura 1: EBA fil-kuntest tal-Unjoni Bankarja



tal-proġett tal-Unjoni dwar is-Swieq Kapitali, li huwa sostanzjalment ibbażat fuq il-parir u rakkomandazzjonijiet tal-EBA maħruġa f'Lulju u f'Diċembru 2015, li koprew titolizzazzjonijiet tal-"bejgħ veru" u titolizzazzjonijiet sintetiċi. Fir-rakkomandazzjonijiet tagħha, l-EBA enfasizzat l-importanza tar-ristrutturar tas-suq tat-titolizzazzjoni biex tiżdied il-fiduċja tal-investituri fi prodotti titolizzati, titneħħa l-istigma perċeputa meħmuża mas-suq ta' titolizzazzjoni wara inadempjenzi ta' kwalità baxxa u prodotti riskjużi fil-kriżi finanzjarja u biex jiġi pprovdut kanal tal-finanzjament alternattiv għall-ekonomija reali. Barra dan, l-EBA, flimkien mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), ikkonsultaw ukoll lill-partijiet ikkonċernati dwar l-immappjar tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu assenjati lill-prodotti ta' titolizzazzjoni fl-iskali ta' kwalità ta' kreditu li jallokaw rekwiżiti tal-kapital skont is-CRR. L-EBA wettqet ukoll analiżi sostanzjali dwar it-trasparenza tas-swieq ta' titolizzazzjoni fl-UE.

## Il-konklużjoni tal-qafas regolatorju għall-iskemi effettivi ta' rkupru, ta' riżoluzzjoni u ta' garanzija tad-depożiti

Fil-qasam tal-immaniġġjar tal-kriżi, l-EBA bdiet programm ta' ħidma impenjattiv biex tgħin lill-Istati Membri kollha tal-UE jsaħħu r-reġimi ta' rkupru, ta' riżoluzzjoni u dawk ta' protezzjoni ta' depożitanti tagħhom. Il-programm ta' ħidma ffoka biex: (i) jikkonkludi u jsaħħaħ il-qafas regolatorju permezz tal-istandards u l-linji gwida tal-livell 2; (ii) jippromwovi konverġenza superviżorja, inkluż permezz ta' kulleġġi superviżorji u ta' riżoluzzjoni; u (iii) jikkontribwixxi għal aġenda ta' riżoluzzjoni ambizzjuża fil-livell globali. L-istabbiliment tal-unjoni bankarja żied responsabbiltà addizzjonali għall-EBA fir-rwol tagħha bħala koordinatriċi għall-UE kollha.

Taħt il-mandati tagħha li joħorġu mid-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD) u d-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD), mill-2014, l-EBA ffinaliz-  
zati 33 standard tekniku, linji gwida u opinjonijiet fil-kuntest tar-riżoluzzjoni u tal-protezzjoni ta' depożitanti. Dawn il-prodotti tal-livell 2 jikkonkludu l-qafas regolatorju armonizzat u jipprovdu appoġġ lill-awtoritajiet superviżorji u ta' riżoluzzjoni u lill-iskemi ta' garanzija tad-depożiti (DGS) madwar l-UE fl-applikazzjoni prattika tar-regoli.

Fl-2015, qasam ta' importanza partikolari fil-programm ta' ħidma tal-EBA kien l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji finali (RTS) dwar l-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL). Taħt il-BRRD, il-MREL iservi biex jiżgura li f'punt ta' falliment, istituzzjoni jkollha disponibbli obbligazzjonijiet suffiċjenti eliġibbli li għandhom jitniżżlu jew biex jiġu kkonvertiti għall-assorbiment tat-telf. Il-MREL huwa stabbilit mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fuq bażi ta' każ b'każ għal kull istituzzjoni bħala minimu robust. L-RTS jispeċifika b'mod ulterjuri l-kriterji applikabbli għal dan ir-rekwiżit u b'hekk jimmira għal grad ferm oġġa ta' armonizzazzjoni, filwaqt li jirrispetta d-diversità tal-istituzzjonijiet u l-mudelli tan-negozju madwar l-UE.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni transkonfinali, l-EBA hołqot qafas għall-koperazzjoni tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u awtoritajiet oħrajn fil-kulleġġi. Dan il-qafas jipprovdi skambju attiv ta' informazzjoni u jħeġġeġ djalogu effettiv fost l-awtoritajiet responsabbli għall-banek u s-sussidjarji/fergħat sinifikanti tagħhom u jipprovdi għajnuna biex jintlaħqu deċiżjonijiet konġunti.

L-EBA tistabbilixxi f'abbozz finali tal-RTS kif dawn il-kulleġġi għandhom jiffunzjonaw, li jkopri fost affarijiet oħra, l-istabbiliment u l-governanza tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni, l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni fi hđandhom u l-eżekuzzjoni ta' skemi ta' riżoluzzjoni.



Figura 2: Suġġetti ewlenin għall-attenzjoni superviżorja fl-2015



### It-tisħiħ tal-konverġenza superviżorja u l-iżgurar tal-implimentazzjoni konsistenti tal-politiki superviżorji u regolatorji madwar l-UE

Fl-2015, żewġ temi importanti ta' ħidma ta' konverġenza superviżorja kienu: "pilastru 2", fid-dawl tad-data ta' implimentazzjoni antiċipata tal-linji gwida tal-EBA dwar metodoloġiji komuni għall-proċess ta' revizzjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP) fl-1 ta' Jannar 2016 u "ippjanar ta' rkupru", meta jiġu kkunsidrati d-dħul fis-seħħ tal-BRRD fil-bidu tas-sena u r-rekwiżiti dwar il-kulleġġi superviżorji.

Il-ħidma tal-EBA dwar konverġenza superviżorja ġiet żviluppata permezz tal-valutazzjoni ta' prattiki superviżorji, il-produzzjoni ta' politika superviżorja u l-programm ta' taħriġ tal-EBA.

- Valutazzjoni tal-prattiki superviżorji: l-EBA ffukat l-isforzi tagħha fuq il-produzzjoni tal-ewwel rapport annwali tagħha dwar il-konverġenza superviżorja (ippubblikat f'April 2015) kif ukoll fuq il-valutazzjoni tal-funzjonament tal-kulleġġi superviżorji u l-konverġenza fl-ippjanar ta' rkupru.
- Produzzjoni tal-politika superviżorja: fl-2015, il-ħidma politika tal-EBA dwar konverġenza superviżorja ffukat fuq il-kwistjonijiet tal-pilastru 2 u b'hekk, bl-għan li tiġi indirizzata l-ambigwiżà u jkun hemm grad ogħla ta' konverġenza, l-EBA ppubblikat opinjoni dwar l-interazzjoni tal-pilastru 1, tal-pilastru 2 u r-rekwiżiti tal-bafer ikkombinat u dwar l-ammont massimu distribwibbli (MDA). Barra dan, fil-kuntest tal-pilastru 2, attwalment l-EBA qiegħda tiżviluppa politika dwar ir-riskju tat-teknoloġija tal-

informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), li r-riżultat ta' dan se jikkomplimenta l-linji gwida tal-SREP tal-EBA. Finalment, l-EBA qiegħda telabora wkoll politika dwar obbligi ssimplifikati għall-ippjanar ta' rkupru skont il-BRRD.

- Il-programm ta' taħriġ tal-EBA: fl-2015, l-EBA pprovdiet numru rekord ta' 24 programm ta' taħriġ lil persunal tal-awtoritajiet kompetenti (CAs), żieda ta' 41 % mit-taħriġ offrut fl-2014, li jilħaq aktar minn 1 000 parteċipant. Fl-2015 it-taħriġ tal-EBA kkonsista f'16-il programm ta' taħriġ settorjali, li tnejn minnhom kienu trans-settorjali u ko-organizzati mal-EIOPA u ħamsa kienu taħriġ tal-ħiliet komuni. B'kollox, fl-2015, 1 018-il parteċipant attendew il-programmi ta' taħriġ tal-EBA, b'uħud mill-kandidati tqiegħdu fuq il-listi ta' stennija għas-sessjonijiet ta' taħriġ li għalihom applikaw ħafna nies.

### L-identifikazzjoni, l-analiżi u l-indirizzar tar-riskji ewlenin fis-settur bankarju tal-UE

Bħala parti mill-valutazzjoni tal-EBA tar-riskji u l-vulnerabilitajiet tas-sistema bankarja tal-UE, l-EBA kompliet tipproduċi r-Rapport ta' Valutazzjoni tar-Riskju tagħha (RAR) darbtejn fis-sena. Ir-rapport jipprovi stampa li tħares 'il quddiem tar-riskji abbażi ta' dejta superviżorja u tas-suq kif ukoll fuq l-intelliġenza tas-suq.

It-tabelli operattivi tar-riskji tal-EBA huma komponent ieħor tal-valutazzjoni tar-riskju regolari magħmula kull tliet xhur mill-EBA u jikkomplimentaw ir-rapport ta' valutazzjoni tar-riskju. Dawn jiġbru fil-qosor ir-riskji u l-

vulnerabilitajiet prinċipali fis-settur bankarju fuq il-bażi tal-evoluzzjoni ta' sett ta' indikaturi ewlenin tar-riskju (KRI). B'lista estiża tar-rappurtar tal-entitajiet kif ukoll żieda fin-numru ta' KRIs, matul l-2015, l-EBA wettqet xogħol sostanzjali biex ittejjeb it-tabella operattiva tar-riskji.

L-EBA tissorvelja wkoll it-tendenzi fil-kwalità tal-assi fil-pajjiżi tal-UE. L-Awtorità kkontribwixxiet għad-diskussjonijiet dwar is-self improduttiv (NPL) fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u fil-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji tal-UE b'analiżi tar-ratba bejn il-proporzjonijiet kapitali, il-proporzjonijiet tal-NPL u r-rieda tal-banek biex isellfu u l-bidliet fil-mudelli tan-negozju tal-banek u l-profittabilità tagħhom. Fl-2015, din ipprovdiet internament u lill-Bord ta' Superviżuri (BoS) r-rapporti dwar il-prestazzjoni tal-banek tal-UE, b'dejta granulari bank minn bank, abbażi tar-riżultati kull tliet xhur ta' banek kbar tal-UE.

F'Settembru 2015, l-EBA bdiet toħroġ rapport dwar l-assenzjoni tal-assi tal-banek, li se jiġi ppubblikat kull sena fuq is-sit web tal-EBA. Minbarra r-rappurtar regolari, l-EBA kkontribwixxiet ukoll għal studji *ad hoc*. Fil-bidu tal-2015, l-Awtorità ppubblikat dokument dwar l-implikazzjonijiet potenzjali ta' miżuri regolatorji dwar il-mudelli tan-negozju tal-banek. Id-dokument iffoka fuq bidliet possibbli li l-banek jista' jkollhom jintroduċu, filwaqt li jadattaw il-mod tagħhom ta' kif jagħmlu negożju għar-rekwiżiti regolatorji ġodda.

Fl-2015, l-EBA wettqet ħidma preparatorja sinifikanti għat-test tal-istress tal-2016 madwar l-UE. Elementi ewlenin ta' dan it-test tal-istress diġà ġew ippubblikati f'Lulju 2015, u f'Novembru 2015 l-EBA ppubblikat abbozz ta' nota tal-metodoloġija relatata mat-test tal-istress rivedut flimkien mal-abbozz tal-mudelli tat-test tal-istress. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti ġew imħeġġa jikkumentaw kemm dwar il-metodoloġija kif ukoll dwar il-mudelli.

Matul it-tieni parti tal-2015, l-EBA wettqet eżerċizzju ta' trasparenza madwar l-UE kollha. Id-dejta, li tkopri 105 banek minn 21 pajjiż madwar l-UE u n-Norveġja, ħarġet fl-24 ta' Novembru 2015. Fuq is-sit web tagħha, l-EBA ppubblikat gabraestensiva ta' dejta bank minn bank, inkluż firxa wiesgħa ta' għodod interattivi biex tiffaċilita l-analiżi u l-viżwalizzazzjoni tar-riżultati. Il-pubblikazzjoni ġiet ikkumplementata b'rapport li jiġbor fil-qosor ir-riżultati aggregati tal-eżerċizzju u jagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi reċenti madwar il-banek tal-UE.

L-ipproċessar u l-għbir tad-dejta u l-proċeduri għall-eżerċizzju 2015 kien pass kbir il-qudd-

iem peress li l-EBA ddependiet l-aktar fuq l-informazzjoni rrappurtata lilha fuq bażi regolari permezz tal-oqfsa ta' rappurtar superviżorju (ir-rappurtar finanzjarju (FINREP), ir-rappurtar komuni (COREP)). Għall-ewwel darba, il-mudelli imtlew b'mod ċentrali mill-EBA u ntbagħtu għal verifika mill-banek u s-superviżuri. F'dan il-proċess, l-EBA pproċessat u żvelat sa 13 600 punt ta' dejta għal kull bank involut; dan ammonta għal aktar minn 1.3 punti tad-dejta ppubblikati f'forma aggregata.

Fl-2015, l-EBA kompliet il-valutazzjoni tagħha tar-rapporti tal-pilastru 3 (fejn l-informazzjoni hija meħtieġa taħt parti tmienja tas-CRR) li ġiet imwaaqfa fl-2014 biex tiffoka fuq l-abbozzar ta' linji gwida dwar l-użu tal-kunċetti ta' materjalità, kunfidenzjalità u n-natura proprjetarja ta' informazzjoni kif ukoll fuq il-frekwenza ta' żvelar.

F'Lulju 2015, l-EBA ppubblikat ir-rapport tagħha dwar miżuri ta' politika makroprudenzjali fl-UE kollha. L-għan ta' dan ir-rapport kien li jsir rendikont tal-firxa ta' Prattiki applikati minn Stati Membri tal-UE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-politiki makroprudenzjali stabbiliti fis-CRR u s-CRD IV, li jiffukaw fuq l-interazzjoni ta' għanijiet u għodod makroprudenzjali u mikroprudenzjali.

Fl-2015 l-assigurazzjoni tal-kwalità tad-dejta kienet qasam ewlieni ieħor ta' ħidma għall-EBA, wara t-twessigħ tal-għbir tad-dejta fl-2014 bl-introduzzjoni ta' standards ġodda ta' rappurtar, li pprovdew informazzjoni armonizzata bis-sħiħ dwar il-fondi proprji tal-banek stess (COREP) u d-dejta dwar il-karta tal-bilanċ (Finrep). Matul l-2015 sar investiment f'riżorsi sinifikanti, li wasslu għal għadd ta' titjib, bħall-implimentazzjoni ta' aktar minn 1 500 regola ta' validazzjoni fl-pjattaforma superviżorja Ewropea (ESP) tal-EBA. Barra minn hekk, il-memorandum ta' qbil għall-kondiviżjoni tad-dejta mikroprudenzjali ta' banek individwali ġie aġġornat fl-2015, u dan wassal għal estensjoni biex jiġu koperti s-CAS kollha li jirrapportaw id-dejta dwar l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni (ITS) lill-EBA.

F'Lulju 2014, il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà ħareġ IFRS 9 strumenti finanzjarji, li jieħu post l-istandard ta' rappurtar għall-istrumenti finanzjarji fis-seħħ fl-UE sa mill-2005 (IAS 39). IFRS 9 b'mod fundamentali jbidel il-mod li bih l-istrumenti finanzjarji jiġu kkunsidrati fil-kontijiet u, għalhekk, huwa meħtieġ aġġornament birreqqa tal-qafas ta' rappurtar finanzjarju għar-reporters tal-istandards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju (IFRS) inklużi fl-ITS dwar rappurtar superviżorju (FINREP). Minħabba



L-importanza li jiġu kkonsultati l-istituzzjonijiet aktar kmieni fil-proċess tal-applikazzjoni tal-bidliet għar-rappurtar Finrep, l-EBA nediet konsultazzjoni pubblika dwar il-bidliet proposti f'Diċembru 2015.

### **Il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-monitoraġġ tal-innovazzjoni finanzjarja u l-iżgurar ta' servizzi ta' pagamenti siguri u effiċjenti madwar l-UE**

Fl-2015, l-EBA kompliet ittejjeb il-protezzjoni tal-konsumaturi u tippromwovi t-trasparenza, is-sempliċità u l-korrettezza għal prodotti u servizzi finanzjarji tal-konsumatur madwar is-suq uniku. L-EBA analizzat b'mod ulterjuri n-nuqqas ta' mgħiba tal-bejgħ bl-imnut ta' istituzzjonijiet finanzjarji, li jista' jikkawża mhux biss ħsara kbira lill-konsumatur, iżda jista' jelimina b'mod sever il-fiduċja fis-suq, l-istabbiltà finanzjarja u l-integrità tas-sistema finanzjarja.

L-EBA żviluppat bosta settijiet ta' rekwiżiti regolatorji għall-prodotti li huma fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' azzjoni tal-EBA, jiġifieri, ipoteki, self personali, depożiti, kontijiet tal-pagamenti, servizzi tal-pagament u flus elettroniċi. Għal kwistjonijiet li huma trasversali fis-settur bankarju iżda li huma rilevanti għas-setturi tal-assigurazzjoni u ta' investment, l-EBA kkooperat mill-qrib maż-

żewġ awtoritajiet superviżorji Ewropej l-oħra (ESA), il-EIOPA u l-ESMA. Xi attivitajiet imwettqa fl-2015 huma kif ġej.

- F'Lulju 2015, l-EBA ppubblikat il-linji gwida dwar is-sorveljanza tal-prodott u l-arranġamenti tal-governanza għall-manifatturi u d-distributori ta' prodotti relatati mal-operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur. Dawn il-linji gwida jstabbilixxu qafas għat-tfassil tal-prodott robust u responsabbli u distribuzzjoni mill-manifatturi u d-distributori.
- F'Diċembru 2015, l-EBA ppubblikat dokument ta' konsultazzjoni dwar l-abbozz ta' linji gwida relatati mal-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni. B'dan l-abbozz tal-linji gwida, l-EBA għandha l-għan li tindirizza politiki u Prattiki tar-rimunerazzjoni dgħajfin, li hija identifikat bħala xprunatur ewlieni ta' bejgħ inadatt ta' prodotti u servizzi relatati mal-operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur. L-abbozz tal-linji gwida jipprovi qafas għall-istituzzjonijiet finanzjarji biex jimplimentaw politiki u Prattiki ta' rimunerazzjoni li se jorbtu l-inċentivi mat-trattament ġust tal-konsumaturi u jnaqqsu r-riskju ta' bejgħ ħażin u spejjeż ta' mgħiba riżultanti għad-ditti.
- Flimkien mal-linji gwida dwar l-evalwazzjoni tal-affidabbiltà, f'Ġunju 2015 l-EBA ppubblikat il-linji gwida dwar arretrati u



preklużjoni, b'apport tal-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju (MCD). Dawn il-linji gwida jstabilixxu rekwiżiti f'termini ta' politiki u proċeduri għall-identifikazzjoni u l-immaniġġjar bikri ta' diffikultajiet ta' pagament inkluż taħriġ tal-persunal, impenn mal-konsumaturi, provvedimenti ta' informazzjoni u għajna lill-konsumaturi, proċess ta' riżoluzzjoni u dokumentazzjoni ta' indirizzar mal-konsumaturi u żamma ta' rekords.

L-EBA kompliet ukoll tissodisfa l-mandat tagħha li tissorvelja attivitajiet finanzjarji ġodda u eżistenti u kkontribwixxiet biex tiżgura pagamenti bl-imnut li huma siguri, faċli u effiċjenti madwar l-UE. Fi Frar 2015, l-EBA ppubblikat opinjoni dwar il-finanzjament kollettiv ibbażat fuq is-self, li kienet indirizzata lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill. L-EBA ffukat il-ħidma tagħha dwar il-valutazzjoni tar-riskji li jirriżultaw għall-parteċipanti tas-suq kif ukoll għall-ixprunaturi ta' dawn ir-riskji u l-firxa sa fejn dawn jistgħu jiġu indirizzati fid-direttivi u r-regolamenti eżistenti tal-UE. L-opinjoni identifikat id-Direttiva tas-Servizzi tal-Pagament (PSD) bħala t-test leġislativ tal-UE li jkun l-aktar rilevanti għall-finanzjament kollettiv ibbażat fuq is-self.

Fl-2015, l-Awtorità intensifikat l-isforzi tagħha fir-rigward tal-konverġenza regolatorja u superviżorja fil-qasam tal-pagamenti. L-EBA għandha l-għan li tiżgura pagamenti siguri, faċli u effiċjenti madwar l-UE. Bħala l-ewwel pass, l-EBA ħarġet linji gwida finali dwar is-sigurtà tal-pagamenti bl-internet, li ilhom applikabbli sa mill-1 ta' Awwissu 2015. L-EBA bdiet taħdem ukoll fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva riveduta tas-Servizzi tal-Pagament (PSD2), li daħlet fis-seħħ f'Jannar 2016 u kkonferiet lill-EBA l-iżvilupp ta' sitt standards tekniċi u ħames settijiet ta' linji gwida.

F'Ġunju 2015, l-Awtorità ppubblikat ir-rapport annwali tagħha dwar it-tendenzi tal-konsumaturi, li enfasizza tmien tendenzi rilevanti li jistgħu jkunu l-bażi għal ħidma futura potenzjali mill-EBA: dejn tal-familji; trasparenza u l-komparabilità tat-tariffi bankarji; innovazzjoni fil-pagamenti; depożiti strutturati; prattiki u rimunerazzjoni kummerċjali ta' bejgħ; u fornituri tas-servizzi finanzjarji alternattivi.

### Impenn internazzjonali

L-EBA b'mod attiv tipparteċipa f'laqgħat tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS), numru ta' sottokomitatati esperti tagħha u firxa ta' gruppi ta' ħidma speċjalisti u task forces. Din tikkontribwixxi, fejn meħtieġ, għall-ispeċifikazzjoni tad-defi-

nizzjoni tal-BCBS tal-proporzjon ta' ingranaġġ u fl-2015 din ikkontribwixxiet għar-reviżjoni tal-qafas kollu tar-riskju tas-suq - magħrufa bħala r-reviżjoni fundamentali tal-ktieb tan-negozjar- kif ukoll għar-reviżjonijiet għall-qafas dwar l-aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu (CVA). Barra minn hekk, l-EBA kienet involuta fil-ħidma tal-Kumitat ta' Basel fir-rigward ta' numru ta' inizjattivi regolatorji.

Bħal fis-snin preċedenti, l-EBA ilha tipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet ewlenin tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) taħt il-Grupp ta' Tmexxija ta' Riżoluzzjoni u kkontribwixxiet ukoll għall-konsultazzjonijiet tal-FSB dwar il-finanzjament tal-banek fir-riżoluzzjoni. Aktar reċentement, l-EBA kienet involuta wkoll fil-fluss ta' ħidma tal-Grupp ta' Mmaniġġjar tal-Kriżi Transkonfinali (CBCM) dwar il-kontinwità ta' aċċess għal infrastrutturi tas-suq finanzjarju u l-Grupp il-ġdid dwar l-Immaniġġjar tal-Kriżi Transkonfinali fir-rigward tal-Infrastruttura tas-Suq Finanzjarju.

L-EBA ħadmet fuq nota ta' gwida biex tassisti s-CAs fil-kumpilazzjoni ta' indikaturi finanzjarji sodi tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) għal dawk li jieħdu d-depożitu u li jużaw input tal-istatistika derivat mill-ITS tal-EBA dwar ir-rapportar superviżorju.

Fl-2015, l-Awtorità kellha l-mandat li tirrevedi u tissottometti rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tas-CRD u s-CRR dwar il-kooperazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE, billi jiġi identifikat kwalunkwe qasam li jeħtieġ żvilupp ulterjuri fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fuq bażi transkonfinali. L-EBA kkonkludiet li ma hemm l-ebda tħassib sinifikanti, għalkemm emendi leġislativi fil-qasam tal-valutazzjonijiet ta' ekwivalenza ġew identifikati bħala oqsma li jistgħu jiffaċilitaw kooperazzjoni aħjar.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni konsistenti tal-awtoritajiet superviżorji mhux tal-UE f'kulleġġi superviżorji, l-EBA, fuq inizjattiva tagħha stess, ħarġet rakkomandazzjoni dwar l-ekwivalenza tar-reġimi ta' kunfidenzjalità ta' 29 awtorità superviżorja mhux tal-UE minn 13-il pajjiż. Ir-rakkomandazzjoni hija pass lejn prattiki superviżorji konsistenti tal-UE, peress li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha qablu li jkunu konformi mas-sejbiet, li se jarmonizzaw parteċipazzjoni ta' pajjiżi mhux tal-UE f'kulleġġi superviżorji tal-UE.

Barra dan, fl-2015, l-EBA wieġbet għat-talba tal-Kummissjoni għal pariri tekniċi dwar l-ekwivalenza tar-reġimi legali u superviżorji f'pajjiżi speċifiċi li mhumiex tal-UE. Fl-2015, ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-EBA ta' sitt

pajjiżi mhux tal-UE ġew sottomessi lill-Kummissjoni fil-forma ta' rapport u opinjoni tal-EBA dwar l-ekwivalenza. Barra minn hekk, ġie ffirmat memorandum ta' kooperazzjoni bejn l-EBA u l-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa biex jiġi stabbilit qafas għall-kooperazzjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni.

Finalment, l-EBA pproponiet arranġament qafas ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet ewlenin tar-riżoluzzjoni f'għurisdizzjonijiet ma' ċentri finanzjarji kbar, li se jiffaċilitaw arranġamenti ta' kooperazzjoni għall-ġejjieni bejn kontrapartijiet mhux tal-UE u awtoritajiet superviżorji jew ta' riżoluzzjoni tal-UE.

### **Ix-xogħol fuq kwistjonijiet transsettorjali**

Fl-2015, l-EBA ħadmet b'mod attiv fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-ASE fl-oqsma ewlenin li jeħtieġu kooperazzjoni bejn is-settur bankarju u setturi oħrajn. Kollaborazzjoni mill-qrib ġiet żviluppata wkoll mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ESRB) dwar bosta suġġetti, inkluż il-pjan tal-eżerċizzju tal-ittejtjar tal-istress tal-2016 madwar l-UE kollha.


Fl-2015, il-Kumitat Konġunt kiseb progress sinifikanti, speċjalment fil-valutazzjoni tar-riskju trans-settorjali u fit-tisħiħ tal-ktieb wieħed tar-regoli ma' prodotti dwar l-immapjar tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, it-titolizzazzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

Żewġ rapporti trans-settorjali dwar riskji u vulnerabbiltajiet ipprovdew ħarsa ġenerali effettiva tar-riskji trans-settorjali ewlenin identifikati fis-sistema finanzjarja tal-UE. It-tkabbir ekonomiku dgħajef fl-UE, l-ambjent tar-rati tal-imgħax baxxi, volatilità għolja tas-swieg fi-

nanzjarji, kif ukoll likwidità tas-suq strutturali li qiegħda tonqos u profittabbiltà baxxa tal-istituzzjonijiet finanzjarji kienu l-fatturi ewlenin identifikati f'dawk ir-rapporti.

Wara l-mandati regolatorji tal-ASE kemm taħt ir-Raba' Direttiva l-ġdida kontra l-ħasil tal-Flus kif ukoll ir-Regolament kontra l-ħasil tal-Flus, infetħu konsultazzjonijiet dwar linji gwida relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ibbażata fuq ir-riskju u s-superviżjoni ta' finanzjament kontra t-terroriżmu u dwar linji gwida relatati mad-diliġenza dovuta mal-klijent issemplifikata u msaħħa.

Barra minn hekk, il-persunal tal-EBA kien parti minn bosta flussi tax-xogħol tal-ESRB, bħal dawk relatati mal-ittejtjar tal-istress, miżuri makroprudenzjali u politika, likwidità strutturali tas-suq u dawk relatati mal-bafers kapitali kontroċikliċi. L-aktar suġġetti notevoli li l-EBA u l-ESRB ikkooperaw mill-qrib fuqhom fl-2015 inkludew il-parteċipazzjoni fil-grupp espert dwar il-proprjetà, it-task force konġunta dwar ir-rati tal-imgħax baxxi, kontribuzzjoni għar-rapport finali dwar ir-riskji settorjali u l-ippjanar tal-eżerċizzju tal-ittejtjar tal-istress tal-2016 madwar l-UE kollha.



# Oqsma ewlenin li ser ikun hemm fokus fuqhom fl-2016

Fl-2016, l-EBA se jkollha numru sinifikanti ta' mandati sabiex tiżgura l-finalizzazzjoni tal-pakkett regolatorju ta' riforma u l-konsistenza fil-prattiki superviżorji madwar is-settur bankarju tal-UE. Il-ħidma relatata mal-proporzjon ta' ingranaġġ, l-inklużjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-prodotti tal-EBA u r-reviżjoni tal-qafas tal-pilastru 3 fis-sistema tal-EU huma fost l-oqsma ewlenin ta' fokus għas-sena li jmiss. L-EBA se tippromponi sett importanti tal-prodotti regolatorji u r-rapporti fir-rigward ta' dawn l-għanijiet.

## Il-promozzjoni ta' approċċ komuni għall-kalibrazzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġġ

Kwistjoni ewlenija waħda għall-EBA fl-2016 hija dik tal-migrazzjoni tal-pilastru 1 tal-proporzjon tal-ingranaġġ u l-livell(i) minimu(i) li għandhom jitqiesu, b'mod partikolari, fir-rigward tal-mudelli tan-negozju u l-profilu ta' riskju. Numru konsiderevoli ta' aspetti oħrajn, bħall-interazzjoni mal-proporzjonijiet u rekwiżiti ta' likwidità ibbażati fuq l-ass imwieżen għar-riskju (RWA) u l-impatt fuq bosta segmenti tas-swieq finanzjarji jeħtieġu li jiġu analizzati. Barra l-mandat dwar il-mudelli tan-negozju, l-EBA għandha l-mandat ukoll li tivvaluta bosta aspetti relatati mal-impatt. B'mod partikolari, l-interazzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġġ mal-ħtiġijiet ta' rekwiżiti ta' fondi proprji bbażati fuq ir-riskju u r-rekwiżiti tal-likwidità għandha tiġi vvalutata.



## It-tisħiħ tal-qafas għar-riskju tal-kreditu

Fl-2016, l-EBA ser tirrapporta dwar ir-reviżjoni regolatorja tagħha tal-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB), b'mod partikolari biex tiġbor fil-qosor ir-risposti riċevuti għad-dokument ta' diskussjoni dwar il-futur tal-approċċ IRB u l-kunsiderazzjoni tal-EBA dwar kif għandhom jiġu inkorporati bl-aħjar mod l-għanijiet espressi fost dawk li jwieġbu fil-ħidma futura tagħha. L-EBA se tiċċara wkoll il-proposti tagħha fir-rigward tal-fokus ta' żviluppi regolatorji dwar aspetti tal-approċċ IRB li jeħtieġu aktar applikazzjoni armonizzata fi ħdan ir-rekwiżiti tas-CRR u l-perjodu propost tagħha għall-iżvilupp ta' prodotti regolatorji, bħall-istandards tekniċi u l-linji gwida fil-qasam tal-approċċ IRB. Il-fokus tal-EBA se jkun fuq it-tieni (2) fażi tal-ħidma IRB, li hija relatata mad-definizzjoni ta' inadempjenza, u fuq it-tielet (3) fażi, li tirrelata mal-istima ta' parametri tar-riskju u t-trattament tal-assi ta' inadempjenza.

## Ir-reviżjoni tal-impatt ta' proporzjonalità

Fid-dawl tal-importanza tad-djalogu ma' partijiet ikkonċernati biex wieħed jikseb sorveljanzi u evidenza speċifika, fit-3 ta' Lulju 2015, l-EBA organizzat workshop ta' proporzjonalità. Dan il-workshop kellu l-parteċipazzjoni ta' aktar minn 130 delegat, jidibattitu u jesploraw temi dwar il-proporzjonalità inkluża: il-proporzjonalità kontra s-semplikità fil-ktieb tar-regoli bankarju; flussi tax-xogħol attwali dwar il-proporzjonalità u s-simplifikazzjoni; u l-approċċi biex titwassal il-proporzjonalità fil-prattika. Fl-2016, l-EBA tippjana li teżamina aktar aspetti tal-proporzjonalità u tas-semplikità u li tospita mejda bis-CAs u l-industrija biex tinforma x-xogħol dwar l-integrar tal-proporzjonalità fil-prodotti regolatorji tagħha.

## Solvien tal-assi legati tal-UE

L-EBA se tkompli tosserva l-iżviluppi fl-NPLs billi tipprowdi aġġornamenti regolari fit-tabelli operattivi tar-riskju tagħha u fir-rapport ta' valutazzjoni tar-riskju u possibbilment tipproduċi studji *ad hoc*. Barra dan,

L-EBA tippjana li twestaq rendikont tal-prattiki ta' riżoluzzjoni NPL speċifiċi għall-pajjiż, billi jiġu identifikati l-fatturi ġenerali li jfjixklur-riżoluzzjoni NPL.

### **Il-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni u l-fehim tal-IFRS 9 fir-rigward tal-banek fl-UE**

Sabiex jiġi implimentat ir-Regolament dwar it-Tariffa tal-Interkambju fl-UE, sejra titnie-da valutazzjoni tal-impatt tal-istandard fuq kampjun ta' madwar 50 istituzzjoni madwar l-UE. Dan se jgħib fehim aħjar tal-impatt stmat tal-IFRS 9 dwar fondi proprji regolatorji, kif l-istituzzjonijiet qegħdin jippreparaw għall-applikazzjoni tal-IFRS 9 u jappoġġjaw lill-EBA fil-valutazzjoni tal-interazzjoni bejn l-IFRS 9 u rekwiżiti prudenzjali oħrajn.

### **Il-promozzjoni tal-konformità, il-komparabilità u l-konsistenza għall-prattiki superviżorji fl-UE**

L-EBA se tkompli tippromwovi l-funzjonament effettiv tas-suq uniku permezz tal-iżvilupp ta' prodotti tal-politika, provvedimenti tat-taħriġ u appoġġ mill-qrib mal-kulleġġi superviżorji tal-akbar gruppi bankarji transkonfinali. B'mod partikolari, fl-2016, il-fokus se jkun fuq:

- is-sorveljanza tal-konverġenza superviżorja u b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-SREP;
- il-ħruġ ta' prodotti tal-politika li jikkomplimentaw il-linji gwida tal-SREP, bħal-linji gwida li jkopru l-ittestjar tal-istress, il-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adeqgatezza tal-kapital (ICAAP) u l-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adeqgatezza tal-likwidità (ILAAP), it-trattament tar-riskju CVA skont l-SREP u l-valutazzjoni tar-riskju tal-ICT;
- l-organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ tal-EBA (30 avveniment ta' taħriġ ipplanati għall-2016);
- l-involvement mal-kulleġġi tas-sorveljanza, bil-fokus ikun fuq il-ħtieġa għas-superviżuri biex jikkunsidraw kif ir-riskji ewlenin identifikati mill-EBA jaffettwaw kull istituzzjoni tal-kreditu transkonfinali kbira.



### **It-twestiq ta' test tal-istress tal-2016 madwar l-UE kollha u eżerċizzji ta' trasparenza**

Fl-2016, l-EBA se terġa' twestaq test tal-istress madwar l-UE kollha, imfassal biex jipprovdi lis-superviżuri, banek u parteċipanti oħra tas-suq b'qafas analitiku komuni biex b'mod konsistenti jqabblu u jivalutaw r-reżiljenza tal-banek tal-UE għal xokkijiet ekonomiċi. Fl-2016, l-ebda limitu ta' għadda/ma għaddiex ma ġie inkluż peress li l-għan huwa li jintuża t-test tal-istress bħala għodda superviżorja, u r-riżultati ta' dan se jiġu diskussi mal-banek individwali fil-proċess tal-SREP, fejn azzjonijiet ta' mitigazzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll. Ir-riżultati tat-test tal-istress se jiġu ppubblikati kmieni fil-Q3 tal-2016, akkumpanjati mill-iżvelar tas-soltu tad-dejta bank minn bank.

### **It-tishiġ tal-konsistenza tal-RWAs**

L-EBA se tkompli taħdem biex tindirizza inkonsistenzi possibbli fil-kalkolu tal-RWAs madwar is-suq uniku tal-UE bil-għan li tiġi rrestawrata l-fiduċja fil-mudelli tl-kapital u dawk interni tal-banek tal-UE. L-eżerċizzji tal-benchmarking se jsiru kull sena, peress li dawn jippermettu li jkun hemm identifikazzjoni ta' sottovalutazzjoni potenzjali tar-rekwiżiti kapitali, grazzi għall-valutazzjoni ta' differenzi tagħhom fl-RWAs madwar l-istituzzjonijiet tal-UE.

### **Verżjoni riveduta tal-pilastru 3**

Fl-2016, l-EBA se tkun qiegħda taħdem fuq linji gwida biex timplimenta l-qafas tal-pilastru 3 rivedut fl-UE.

### L-iżgurar ta' implimentazzjoni konsistenti tal-qafas il-ġdid dwar l-immaniġġjar tal-kriżi

Bid-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek u d-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti implimentati fil-parti l-kbira tagħhom, l-EBA se tintensifika l-isforzi tagħha sabiex tappoġġja u tissorvelja l-implimentazzjoni armonizzata tal-qafas ta' kriżi u tikkontribwixxi għall-iżvilupp u koordinazzjoni konsistenti ta' ppjanar ta' riżoluzzjoni effettiv madwar l-UE. Sabiex tikseb dan l-għan, l-EBA sejra, fost attivitajiet oħrajn, tipproduċi rapport dwar l-MREL; tiffoka fuq il-koperazzjoni madwar l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni; tirrevedi u tivvaluta l-każijiet ta' riżoluzzjoni; u tipprovdi taħriġ lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni.

### Il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-monitoraġġ ta' innovazzjoni finanzjarja

Fl-2016, l-EBA se tipproduċi bosta settijiet ta' rekwiżiti regolatorji biex tindirizza d-detrimet għall-konsumaturi li jirriżulta mill-prodotti bankarji li jaqgħu fi hdn il-kamp ta' applikazzjoni ta' azzjoni tagħha b'fokus speċifiku jkun fuq l-innovazzjoni iżda ser ikun hemm fokus ukoll fuq il-promozzjoni tal-konverġenza superviżorja. Pereżempju,

l-EBA se: tikkonsulta dwar l-abbozz tal-RTS dwar it-terminoloġija standardizzata għall-aktar servizzi komuni b'tal-inqas maġġoranza tal-Istati Membri; se tikkonsulta dwar żewġ ITSs għad-dokumenti ta' żvelar biex tiffaċilita l-paragun ta l-ispejjeż tal-kontijiet ta' pagamenti; u se tiffinalizza l-linji gwida tagħha dwar ir-rimunerazzjoni tal-persunal responsabli mill-bejgħ. Fil-qasam tal-innovazzjoni finanzjarja, l-EBA se tiffoka fuq użi innovattivi tad-dejta tal-konsumatur mill-istituzjonijiet finanzjarji bl-għan li jiġu identifikati r-riskji u l-benefiċċji ta' dawn l-użi innovattivi tad-dejta, kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-istituzjonijiet finanzjarji.

### L-iżvilupp ta' mandati taħt id-Direttiva riveduta tas-Servizzi ta' Pagamenti u r-Regolament dwar it-Tariffa tal-Interkambju

Fl-2016 attività prinċipali għall-EBA se tkun l-iżvilupp tal-RTSs u l-linji gwida taħt il-PSD2 u r-Regolament dwar it-Tariffa tal-Interkambju (IFR). Il-PSD2 daħlet fis-seħħ f'Jannar 2016 u se tibda tapplika minn Jannar 2018 'il quddiem. Din tippreżenta 11-il mandat dwar l-EBA, li f'it minnhom l-EBA se jkollha tagħtihom fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ, filwaqt li oħrajn huma dovuti fi żmien 18 jew 24 xahar.



# L-iżgurar tal-proċessi effettivi u trasparenti li jappoġġjaw il-ħidma tal-EBA

## L-involvement tal-partijiet ikkonċernati fil-ħidma regolatorja tal-EBA

Parti ewlenija mill-impenn tal-EBA ma' partijiet ikkonċernati hija permezz tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati tagħha (BSG). L-għan tal-BSG huwa kkaratterizzat mill-azzjonijiet li jikkonċernaw l-RTS u l-ITS, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet, sal-punt li dawn ma jikkonċernawx l-istituzzjonijiet finanzjarji individwali FL-2015, il-BSG ta opinjonijiet dwar 24 dokument ta' konsultazzjoni, inklużi żewġ sottomissjonijiet għad-dokumenti ta' konsultazzjoni tal-Kumitat Konġunt u erba' tweġibiet għad-dokumenti ta' diskussjoni tal-EBA, pereżempju, fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumaturi, it-titolizzazzjoni, il-fatturi ta' appoġġ tal-intrapriżi żgħar u medji (SME) u l-approċċ IRB.

It-tieni perjodu tal-BSG beda fil-15 ta' Ottubru 2013 u huwa mistenni li jispiċċa fl-14 ta' April 2016. Mit-30 membru tal-BSG, 10 minnhom huma delegati mill-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-investment, tlieta minnhom jirrappreżentaw it-tfaddil jew il-banek koperattivi, 10 huma rappreżentanti tal-konsumaturi u l-utenti, sitta huma akkademiċi, tnejn jirrappreżentaw l-SMEs u tnejn huma rappreżentanti tal-impjegati.

## Medjazzjoni u ksur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea

Għalkemm kien hemm diversi każijiet ta' nuqqasijiet ta' qbil bejn is-CAs, matul l-2015 l-EBA ma ġietx awvicinata b'talba biex tiprovi l-għajnuna tagħha f'waħda minn dawn il-proċeduri formali dwar il-medjazzjoni. Madankollu, l-EBA kellha rwol importanti fil-provediment ta' għajnuna biex issolvi n-nuqqasijiet ta' qbil bejn is-CAs b'mod informali.

Matul l-2015, ġew evalwati disa' każijiet ta' ksur possibbli tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Sal-aħħar tal-2015, il-maġġoranza tagħhom ingħalqu peress li t-talbiet instabu li huma inammissibbli, l-istatus fuq dawk li jifdal se



jiġi deċiż matul l-2016 meta tiġi konkluzja l-evalwazzjoni xierqa tagħhom. FL-2015 l-ebda waħda mit-talbiet indirizzati lill-EBA taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-EBA ma wasslet għall-adozzjoni ta' ksur tar-rakkomandazzjoni dwar id-dritt tal-Unjoni Ewropea.

## It-tweqqi ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari

FL-2014, is-CAs kollha għaddew minn evalwazzjoni bejn il-pari fir-rigward tal-aderenza tagħhom għal-linji gwida tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-adeqgatezza ta' membri tal-korp maniġerjali u d-detenturi tal-funzjoni prinċipali (EBA/GL/2012/06) Din l-evalwazzjoni bejn il-pari bdiet fit-tieni nofs tal-2014 u r-rapport finali ġie approvat mill-BoS f'Ġunju 2015. L-evalwazzjoni bejn il-pari kienet tikkonsisti minn awtovalutazzjoni mwettqa mis-CAs, segwita mill-fażi ta' evalwazzjoni mill-pari. L-EBA wettqet ukoll tmien żjarat fuq il-post fuq CAs abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni bejn il-pari bbażata fuq id-dokumentazzjoni tal-linji gwida biex tissupplimenta l-valutazzjoni finali tagħha. Ir-rapport finali, li jelenka s-sejbiet

kollha mill-evalwazzjoni bejn il-pari u miż-żjarat fuq il-post, ġie ppubblikat fl-2015.

### Il-valutazzjoni tal-ispejjeż u tal-benefiċċji

Fl-2015, l-EBA ppubblikat żewġ rapporti li jimmonitorjaw l-impatt tat-traspożizzjoni tar-rekwiżiti ta' Basel III fl-UE — f'Marzu għal data disponibbli sa Ġunju 2014 u f'Settembru għal data disponibbli sa Diċembru 2014, taħt suppożizzjoni tal-karta tal-bilanċ statika. Dan l-eżerċizzju, li sar b'mod parallel ma' dak imwettaq mill-BCBC fil-livell globali, għabar riżultati aggregati dwar il-kapital, l-assi imwieżna għar-riskju, il-proporzjon tal-likwidità u l-ingranaġġ għall-banek fl-UE. Total ta' 148 u 364 bank tal-UE pparteċipaw fiż-żewġ eżerċizzji rispettivament, li minnhom 40/53 bank jiffurmaw banek tal-ewwel (1) grupp (l-akbar banek tal-UE attivi fuq livell internazzjonali b'kapital tal-Grad 1 li jaqbeż EUR 3 biljun).

### Iż-żamma tal-ktieb wieħed tar-regoli interattiv

Sar ħafna xogħol fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-partijiet ikkonċernati dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ktieb wieħed tar-regoli: fil-31 ta' Diċembru 2015 madwar 2 550 M&T (meta mqabbla mal-1 700 fl-aħħar tal-2014) ġew sottomessi permezz tal-interfaċċja tal-web. Minn dawn, madwar 930 M&T ġew miċħuda jew imħassra (żieda ta' madwar 600 fit-tmiem tal-2014), madwar 830 M&T ġew imwieġba (żieda ta' madwar 580 fit-

tmiem tal-2014), filwaqt li 790 M&T qegħdin jiġu riveduti (żieda ta' madwar 580 fit-tmiem tal-2014). Barra minn hekk, mis-790 M&T li qegħdin jiġu riveduti, 90 huma dwar il-BRRD, il-bqija huma dwar is-CRR-CRD, bil-maġġornaza l-kbira (madwar 75 %) jiffokaw fuq kwistjonijiet ta' rappurtar, segwiti minn riskju tal-likwidità, riskju tal-kreditu u riskju tas-suq.

Dawn iċ-ċifri huma indikattivi tad-domanda dejjem aktar sinifikanti għaċ-ċarezza fir-rigward tal-oqfsa leġiżlattivi u regolatorji li huma koperti fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-għodda M&T u, b'mod aktar ġenerali, għall-ktieb wieħed tar-regoli fil-qasam bankarju.

### L-għoti ta' appoġġ legali u l-protezzjoni tad-dejta personali

Matul l-2015, ngħataw assigurazzjoni legali, analiżi u kontroll tal-kwalità dwar il-prodotti regolatorji tal-EBA inklużi l-istandards tekniċi, il-linji gwida, ir-rakkomandazzjonijiet, l-opinjoni u l-pariri tekniċi. L-EBA ħadmet ukoll mal-Kummissjoni, il-EIOPA u l-ESMA biex tistabbilixxi Prattiki tax-xogħol imfasslin biex jiżguraw li l-istandards tekniċi jistgħu jiġu approvati u ppubblikati mill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni tagħhom mill-BoS.

Ġie pprovdut ukoll appoġġ legali dwar il-kwistjonijiet operattivi għall-Awtorità inklużi kwistjonijiet relatati mas-sede l-ġdida tal-Awtorità, il-kwistjonijiet relatati mar-riżorsi umani li jirriżultaw mir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabli għall-





Aġenti l-Oħra, ftehimiet ma' fornituri tal-EBA u talbiet minn korpi tal-UE, bħall-Qorti tal-Awdituri u l-Ombudsman Ewropew. Fl-2015, l-EBA indirizzat 24 ilment formali li ntbagħtu direttament minn individwi jew persuni ġuridiċi, li l-parti l-kbira tagħhom kienu relatati ma' kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Rigward il-protezzjoni tad-dejta, fl-2015, l-uffiċjali maħtura ġewwa l-EBA ppromwew l-importanza tal-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta mal-persunal tal-EBA, speċjalment billi qajmu l-importanza tal-protezzjoni tad-dejta matul is-sessjonijiet ta' induzzjoni organizzati għal dawk li kienu għadhom kif issieħbu ġodda.

### L-għoti ta' servizzi diġitali biex jiġu appoġġjati l-funzjonijiet ewlenin u l-amministrazzjoni interna tal-EBA

Fl-2015, il-fokus tal-IT kien fuq iż-żamma u l-appoġġ tas-sistemi tal-produzzjoni għall-għbir tad-dejta u l-implimentazzjoni ta' għadd ta' proġetti f'konformità mal-programm ta' ħidma tal-IT. Biex issaħħaħ u tappoġġja l-implimentazzjoni tal-ktieb wieħed tar-regoli, l-EBA implimentat żewġ ħarġiet tal-ESP biex testendi l-qafas regolatorju fir-rappurtar finanzjarju u dak komuni għall-COREP 2.1.0 u Finrep 2.1.3. Barra dan, il-proġett ta' notifikati u sanzjonijiet ġie implimentat biex jipprovdi lis-CAs pjattaforma sikura biex dawn iwasslu notifikati u sanzjonijiet lill-EBA.

### Il-komunikazzjoni u l-promozzjoni tal-ħidma tal-EBA

Matul is-sena, l-EBA bdiet timplimenta kompiti relatati mal-istateġija ta' komunikazzjonijiet ġdida tagħha li ġiet adottata mill-Bord ta' Tmexxija tal-EBA f'Marzu 2015. Kien hemm żieda fin-numru ta' informazzjoni regolari ta' sfond u intervisti mal-membri tal-midja madwar l-UE. B'172 partita ġdida u stqarrijiet għall-istampa ppubblikati fl-2015, l-EBA kienet konformi f'termini ta' attivitajiet il-quddiem mas-snin preċedenti (175 fl-2014 u 157 fl-2013). Pjattaformi tal-midja soċjali bħal Twitter, YouTube u LinkedIn intużaw biex jipromwovu aħbarijiet speċifiċi fuq bażi *ad hoc*. Sal-aħħar tas-sena, il-kont ta' Twitter tal-Awtorità attira aktar minn 2 000 follower, filwaqt li l-komunità ta' LinkedIn li ssegwi l-EBA kellha l-medja ta' 6 159.

Fl-2015, inbdew newsletters li joħorġu kull tliet xhur immirati lejn l-uffiċjali tal-istampa nazzjonali tal-banek ċentrali tal-UE u lejn il-midja. Barra dan, matul it-tieni nofs tas-sena, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni ffukaw b'mod intensiv fuq il-konferenza biex jiġi ċelebrat il-ħames anniversarju tal-EBA, li sar f'Londra fi Frar 2016. Matul l-2015, partijiet mis-sit web publiku tal-EBA ġew aġġornati u organizzati mill-ġdid biex jissimplifikaw l-informazzjoni u jgħinu lill-utenti jinnavigaw is-sit.



## Immaniġġjar intern

### Bord Maniġerjali

F'Diċembru 2015 il-BoS ħatar żewġ membri ġodda tal-Bord ta' Tmexxija u ħatar mill-ġdid it-tielet membru għat-tieni terminu. Fl-2015 il-Bord ta' Tmexxija kien magħmul minn erba' membri minn Stati Membri parteċipanti tal-mekkaniżmu superviżorju uniku (SSM) (il-Ġermanja, Spanja, l-Italja u n-Netherlands) u żewġ membri minn Stati Membri mhux parteċipanti tal-SSM (il-Polonja u r-Renju Unit), li ltaqgħu ħames darbiet fil-bini tal-EBA f'Londra.

### Żviluppi kbar

Fl-2015, kien hemm ftit bidliet fl-istruttura organizzattiva interna tal-EBA. B'mod partikolari, bħala riżultat ta' kompiti ġodda li ngħataw mandat lill-EBA kif ukoll il-ħtieġa li jiġu sseparati l-kompiti superviżorji u ta' riżoluzzjoni, Unità ġdida u indipendenti ta' Riżoluzzjoni ġiet stabbilita mill-1 ta' Frar 2015. Bħala konsegwenza, il-funzjonijiet kollha relatati mar-riżoluzzjoni li jaqgħu taħt id-Dipartiment tar-Regolament u Sorveljanza ġew trasferiti lejn l-unità l-ġdida u l-Unità l-antika ta' Rkupru, Riżoluzzjoni u Reġistrazzjoni fi ħdan id-Dipartiment tar-Regolament ġiet żarmata. Barra dan, l-Unità ta' Koordinaz-

zjoni Lokali-Ospitanti fi ħdan id-Dipartiment ta' Sorveljanza ngħatat l-isem il-ġdid ta' Unità ta' Konverġenza Superviżorja u l-funzjonijiet tagħha ffukat mill-ġdid fuq il-konverġenza superviżorja. F'Marzu 2015, l-Unità tal-Protezzjoni tal-Konsumatur u Finanzjarja wkoll ingħatat l-isem il-ġdid ta' Unità tal-Protezzjoni tal-Konsumatur, l-Innovazzjoni Finanzjarja u l-Pagamenti sabiex tirrifletti n-numru dejjem jiżdied ta' mandati dwar il-pagamenti li l-EBA bdiet tirċievi.

Sal-aħħar tal-2014, b'suċċess l-EBA ġiet rilokata għall-uffiċċji l-ġodda tagħha f'1 Canada Square, Canary Wharf, Londra Ir-rilokazzjoni ma ħolqot ebda tfixkil fis-servizz u ċ-ċaqlieq ippermetta lill-Awtorità biex tisso-disfa r-rekwiżiti tekniċi u organizzattivi tal-aġenzija għall-attivitatijiet tagħha.

### Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

Fl-2015, l-EBA rrepetiet l-implimentazzjoni kważi sħiħa tal-baġit tas-sena preċedenti, bi twettiq ta' 99.3 % tal-fondi disponibbli, filwaqt li naqqset il-livell ta' riporti għal 9.7 %. Dan inkiseb f'ċirkustanzi baġitarji diffiċli. Minkejja l-allokkazzjoni tal-livelli tal-persunal superjuri tal-EBA, l-awtorità baġitarja naqqset ir-riżorsi finanzjarji tal-2015 tal-EBA b'madwar EUR 2 miljuni (6 %) meta mqabbla mas-sena preċedenti. Barra dan, matul is-sena, l-euro tilef valur sinifikanti mal-Isterlina, u li dan ġiegħel lill-EBA titlob baġit emendatorju ta' EUR 1.9 miljuni sabiex din tkun tista' tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha. Il-baġit emendatorju ġie adottat f'Awwissu 2015.

Il-baġit tal-2016 ġie mtejjeb b'mod sinifikanti, u dan irriżulta f'baġit totali ta' EUR 38 miljun. Dan jirrappreżenta żieda ta' 20 % fuq il-baġit inizjali tal-2015 u jirriżulta mill-fatt li kemm l-EBA kif ukoll l-awtorità baġitarja qiesu u aċċettaw it-tagħlimiet miksuba mill-proċess tas-sena preċedenti.

### Il-ġestjoni tar-riżorsi umani

Matul is-sena tal-2015, l-EBA organizzat 40 proċedura ta' għażla, irċeviet 951 applikazzjoni u intervistat 120 kandidat. In-numru totali ta' persunal fl-2015 tela' għal 156 inkluż 118-il aġent temporanju, 29 aġent kuntrattwa-



li u 13-il espart nazżjonali sekondati ta' orijini ġeografiki wesgħin (26 nazżjonalità tal-UE) u bilanċ bejn is-sessi (45 % nisa; 55 % irġiel). Għall-ewwel darba mit-twaqqif tagħha, il-pjan ta' stabbiliment tal-EBA kien 1.7 % taħt il-mira pplanata tagħha ta' 120 kariga ta' aġenti temporanji.

Il-bidla totali tal-personal minħabba riżenja, nuqqas ta' tiġdid u skadenza tal-kuntratt kienet ta' 10.3 %. Din kienet 2.6 % aktar baxxa mill-2014 (12.9 %). Mill-117-il applikazzjoni ta' traineeship riċevuti, fl-2015 l-EBA għażlet u pprovdut opportunitajiet ta' traineeship lil sitt trainees.

### Il-valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar matul is-sena ta' rappurtar

Fl-2015, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni wettaq reviżjoni limitata ta' segwitu dwar l-immaniġġjar tal-proġett tal-IT u awditjar dwar l-immaniġġjar tar-riżorsi umani. L-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha ġew aċċettati u l-pjanijiet ta' azzjonijiet xierqa ġew żviluppati mill-EBA.

### Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

L-awditjar tal-2015 tal-kontijiet annwali sar parzjalment mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u parzjalment, għat-tieni darba, minn ditta tal-awditjar esterna (moore Stephens). L-ebda rakkomandazzjoni kritika ma nħarġet jew ingħalqet u fl-1 ta' Jannar 2016 ma kien hemm l-ebda rakkomandazzjoni kritika miftuħa.

### Ġestjoni tar-riskju

Fl-2015, l-EBA wettqet l-eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju tagħha biex tidentifika r-riskji u t-tipi ta' skoperturi u biex tipproponi miżuri ta' mitigazzjoni Ir-riżultat kien reġistru tar-riskju, fejn ir-riskji ġew ikkategorizzati skont is-sinifikat tagħhom. L-ogħla riskji għall-aġenzija kienu meqjusa dawk li jirrelataw mal-inċidenti tas-sigurtà tal-IT, kontrolli ta' infurzar f'oqsma ta' responsabbiltajiet, konsegwenzi mhux antiċipati tal-ktieb wieħed tar-regoli u l-vulnerabilitajiet fis-settur bankarju tal-UE. L-azzjonijiet ta' mitigazzjoni ġew żviluppati għar-riskji identifikati kollha.

### Segwitu dwar l-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza

Fil-11 ta' April 2016, l-awtorità tal-kwittanza tat il-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-EBA fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2014. It-test adottat tal-kwittanza tal-2014 inkluda 32 paragrafu ta' osservazzjonijiet, li l-maġġoranza minnhom kienu jew noti (b'sodisfazzjon) jew rikonoxximenti. Għall-paragrafi li jistgħu jiġu kkunsidrati li jikkostitwixxu sejħa għal azzjoni min-naħa tal-EBA, peress li r-rapport dwar il-kwittanza ġie adottat biss reċentament, l-EBA xorta għadha taħdem biex tifformula t-tweġibiet tagħha għall-punti ta' azzjoni.

### Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi tal-kontroll intern

Biex tassisti lid-Direttur Eżekuttiv fl-implimentazzjoni tal-kontrolli interni, l-aġenzija adottat sett ta' standards tal-kontroll intern (ICS). Fl-2015 sar titjib tanġibbli fl-oqsma li ġejjin tal-ICS: valuri etiċi u organizzattivi; għanijiet u indikaturi ta' prestazzjoni; proċess ta' mmaniġġjar tar-riskju; immaniġġjar tad-dokumenti; u informazzjoni u komunikazzjoni.



# Lista ddettaljata tal-prodotti tal-EBA mogħtija fl-2015

Tip ta' approprjazzjonijiet	Titolu
Linji Gwida	Linji gwida dwar l-arretrati u l-preklużjoni
	Linji gwida dwar l-għodda tas-separazzjoni tal-assi
	Linji gwida dwar il-metodi għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet għall-lskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSS)
	Linji gwida dwar l-iskattaturi għar-riżoluzzjoni
	Linji Gwida dwar il-kundizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju tal-grupp
	Linji gwida dwar l-ewalwazzjoni tal-affidabbiltà skont l-MCD
	Linji gwida dwar l-obbligi ssimplifikati
	Linji gwida dwar skattaturi ta' intervent bikri
	Linji gwida dwar l-indikaturi tal-pjanijiet ta' rkupru
	Linji gwida dwar l-impenji ta' pagament fir-rigward ta' DGS
	Linji gwida dwar il-lista minima ta' servizzi jew faċilitajiet li huma meħtieġa biex benefiċjarju jkun jista' jopera negozju ttrasferit lil skont il-BRRD
	Linji gwida dwar l-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għal prodotti bankarji bl-imnut
	Linji gwida dwar il-bejgħ tal-għodda ta' negozju skont il-BRRD
	Linji gwida dwar il-listi provwizorji nazzjonali tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi relatati ma' kont tal-pagamenti u soġġetti għal tariffa skont id-Direttiva dwar il-Kontijiet tal-Pagamenti
	Linji gwida dwar l-immaniġġjar tar-riskju fir-rata tal-imgħax li joriġina minn attivitajiet mhux ta' negozjar fil-kuntest tal-SREP
	Linji gwida dwar in-notifiki ta' passaport għall-intermedjarji tal-kreditu skont l-MCD
Standards tekniċi ta' implementazzjoni	ITS dwar il-portafolji tal-benchmarking
	ITS dwar l-iżvelar ta' ftehimiet relatati mal-appoġġ finanzjarju tal-grupp
	2 ITS dwar il-valutazzjonijiet tal-kreditu minn Istituzzjonijiet Esterni tal-Valutazzjoni tal-Kreditu (ECAIs)
	ITS dwar proċeduri, forom u mudelli għall-prowediment ta' informazzjoni għall-pjanijiet ta' riżoluzzjoni
	ITS dwar formati uniformi, mudelli u definizzjonijiet għall-identifikazzjoni u t-trasmisjoni ta' informazzjoni minn awtoritajiet kompetenti u awtoritajiet ta' riżoluzzjoni lill-EBA
	ITS aġġornati dwar l-iżvelar u r-rappurtar supervizzorju ta' proporzjon ta' inġranaggħ għall-istituzzjonijiet tal-UE
	ITS aġġornati dwar ir-rappurtar relatat mal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità
	ITS aġġornati dwar l-iżvelar u r-rappurtar supervizzorju ta' proporzjon ta' inġranaggħ għall-istituzzjonijiet tal-UE
	ITS emendati dwar rappurtar supervizzorju għall-istituzzjonijiet
	ITS emendati dwar persunal identifikat
Standards tekniċi regolatorji	3 RTS dwar rekwiżiti prudenzjali għad-depożitarji tat-titoli (CSD)
	RTS dwar il-portafolji tal-benchmarking
	RTS dwar kundizzjonijiet għall-prowediment ta' appoġġ finanzjarju tal-grupp
	RTS dwar rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna
	RTS dwar stimaturi indipendenti
	RTS dwar pjanijiet ta' riorganizzazzjoni tan-negozju
	RTS dwar il-kriterji tal-MREL
	RTS dwar in-notifika u l-awiz tas-sospensjoni skont il-BRRD
	RTS dwar il-funzjonament operazzjonali tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni
	RTS dwar rekords iddetaljati ta' kuntratti finanzjarji
	RTS dwar il-metodoloġija ta' ewalwazzjoni għall-validazzjoni ta' mudelli ta' riskju tal-kreditu
	RTS dwar il-validazzjoni ta' derivati f'riżoluzzjoni

Tip ta' apporprazzjonijiet	Titolu	
Opinjonijiet/pariri	Opinjoni dwar il-funzjonament tal-proċess tal-benchmarking	
	Opinjoni dwar il-qafas Ewropew għall-kwalifikazzjoni tat-titolizzazzjoni	
	Opinjoni dwar il-kontribuzzjonijiet lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni	
	Opinjoni dwar il-finanzjament kollettiv ibbażat fuq is-self	
	3 Opinjonijiet dwar il-qafas ta' riżoluzzjoni għall-banek tal-UE, li jkopru d-definizzjoni ta' funzjonijiet kritiċi u l-linji operatorji ewlenin, kif ukoll ir-regoli għall-esklużjoni ta' responsabbiltajiet mill-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna	
	Opinjoni dwar l-ITS relatata mal-metriċi addizzjonali ta' monitoraġġ tal-likwidità	
	Opinjoni dwar l-RTS relatata mad-derogi għall-muniti b'limitazzjonijiet	
	Opinjoni dwar ir-riskju CVA	
	Opinjoni dwar l-MDA	
	Opinjoni dwar prattiki tajbin għall-ipoteki	
	Opinjoni dwar l-RTS dwar il-valur ta' self ipotekarju	
	Opinjoni dwar l-ITS relatata mal-muniti b'limitazzjonijiet dwar id-disponibbiltà tal-assi likwidi	
	Opinjoni dwar l-applikazzjoni tal-proporzjonalità	
	Opinjoni dwar ir-rinunza li tindirizza l-problemi ta' konċentrazzjoni potenzjali għall-bonds koperti	
	Opinjoni dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi	
	Opinjoni dwar id-definizzjoni ta' kapital eliġibbli	
	Opinjoni dwar l-arranġamenti protetti f'sitwazzjoni ta' riżoluzzjoni	
	Rapport dwar ditti ta' investment	
	Rapporti ppubblikati	Rapport Annwali 2014
		Rapport dwar it-tlestija tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kulleġġ tal-EBA għall-2014 u t-twaqqif tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kulleġġ tal-EBA għall-2015
Rapport dwar l-approċċ biex jiġu ddeterminati l-funzjonijiet kritiċi u l-linji ewlenin tan-negozju fi pjanijiet ta' rkupru		
Rapport dwar it-tendenzi tal-konsumaturi 2015		
Rapport annwali dwar il-konverġenza tal-prattiki superviżorji		
Rapport dwar ditti ta' investment		
Rapport dwar l-implikazzjonijiet potenzjali ta' miżuri regolatorji għall-mudelli tan-negozju tal-banek		
Rapport dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-UE u l-awtoritajiet superviżorji mhux tal-UE		
Rapport dwar l-assenjazzjoni tal-assi fl-2015		
Ir-rapport tal-ħarifa tal-JC dwar ir-riskji u l-vulnerabilitajiet fis-sistema finanzjarja tal-EU		
Ir-rapport tal-JC dwar it-titolizzazzjoni		
Ir-rapport tar-rebbiegħa tal-JC dwar ir-riskji u l-vulnerabilitajiet fis-sistema finanzjarja tal-UE (Mejju 2015)		
Lista ta' konglomerati finanzjarji 2015		
Rapport dwar proporzjonijiet oġġla approvati għar-rimunerazzjoni		
2 Rapporti dwar is-CRD IV – is-CRR / l-eżerċizzju ta' monitoraġġ ta' Basel III		
Rapport dwar l-eżerċizzju tal-benchmarking tar-riskju ta' kreditu ta' kontraparti		
Rapport dwar ix-xenarji tal-benchmarking fil-pjanijiet ta' rkupru		
Rapport dwar is-CVA		
Rapport dwar l-iskoperturi tal-istituzzjonijiet skont l-entitajiet bankarji		
Rapport dwar il-kwalifikazzjoni it-titolizzazzjoni		
Rapport dwar l-NSFR		
Rapport dwar l-applikazzjoni tal-proporzjonalità		
Rapport dwar it-titolizzazzjoni sintetika		
Rapport dwar il-benchmarking ta' rimunerazzjoni u dwar persuni li jaqilgħu pagi għoljin (2013)		
Rapport dwar l-użu tal-benefiċċji		
2 Rapporti- Rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskju tas-sistema bankarja Ewropea		
Rapport dwar il-miżuri ta' politika makroprudenzjali		
Rapport dwar l-eżerċizzju ta' trasparenza		
Rapport dwar il-monitoraġġ ta' strumenti tal-Grad 1 addizzjonali (AT1) tal-istituzzjonijiet tal-UE		

Tip ta' approprjazzjonijiet	Titolu
Rakkomandazzjonijiet	Rakkomandazzjoni dwar l-ekwivalenza tar-reġimi ta' kunfidenzjalità
	Rakkomandazzjoni emendata dwar l-ekwivalenza tar-reġimi ta' kunfidenzjalità
Evalwazzjonijiet bejn il-Pari	Evalwazzjoni bejn il-pari tal-Linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u d-detenturi tal-funzjoni prinċipali (EBA/GL/2012/06)
Dokumenti ta' Konsultazzjoni	CP dwar ITS fuq proċeduri, forum u mudelli għall-ippjanar ta' riżoluzzjoni
	CP dwar Linji gwida fuq komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri
	CP dwar Linji gwida dwar il-fatturi tar-riskju u d-diliġenza dovuta mill-klijent issemplifikata u mtejba
	CP dwar Linji gwida fir-rigward tal-limiti għall-iskoperturi għall-entitajiet bankarji
	CP fuq il-linji gwida dwar is-superviżjoni bbażata fuq ir-riskju
	CP fuq il-linji gwida dwar diliġenza dovuta ssimplifikata
	CP fuq il-linji gwida ta' politiki sodi ta' remunerazzjoni
	CP fuq l-RTS dwar kriterji għal trattament preferenzjali f'apoġġ finanzjarju intragrupp transkonfinali taħt il-LCR
	CP dwar Linji gwida dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza
	CP dwar ITS fuq skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet fir-rigward ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti
	CP fuq l-ITS dwar l-immappjar tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-Istituzzjonijiet Esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAIs) għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni.
	CP fuq l-RTS dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni għall-approċ IRB
	CP fuq l-RTS dwar rekwiżiti prudenzjali għad-depożitarji ċentrali tat-titoli (CSDs)
	CP fuq l-RTS dwar l-esklużjoni mis-CVA tal-kontropartijiet mhux finanzjarji li mhumiex tal-UE
	CP fuq l-RTS dwar il-kondizzjonijiet għal-rekwiżiti kapitali għall-iskoperturi b'ipoteki
	CP fuq l-RTS dwar ippeżar tar-riskju għall-iskoperturi speċjalizzati tas-self
	CP fuq l-RTS dwar tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju għad-derivattivi OTC mhux iċċarati minn kontroparti ċentrali (CCP)
	CP fuq Linji gwida dwar in-notifiċi ta' passaport għall-intermedjarji tal-kreditu skont l-MCD
	CP fuq il-linji gwida dwar ir-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni għall-persunal responsabbli mill-bejgħ
	CP fuq l-RTS dwar il-kontenut u l-preżentazzjoni tad-dokumenti bit-tagħrif ewlieni (KIDs) għall-PRIPs
	CP fuq l-RTS dwar is-separazzjoni tal-iskema ta' kards ta' pagament u entitajiet responsabbli mill-iproċessar skont l-IFR
	CP fuq l-RTS dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni għall-passaportar skont il-PSD2
	CP fuq ir-rata normattiva skont l-MCD
	CP fuq il-linji gwida dwar it-trattament CVA skont l-SREP
	CP fuq Linji gwida dwar il-Proċess ta' Valutazzjoni Interna dwar l-Adegwatezza tal-Kapital (ICAAP) u l-Proċess ta' Valutazzjoni Interna dwar l-Adegwatezza tal-Likwidità (ILAAP)
	CP fuq il-linji gwida dwar il-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti
	CP fuq il-linji gwida dwar it-testijiet tal-istress tad-DGS
	CP fuq il-Linji gwida għall-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali skont il-BRRD
	CP fuq l-RTS dwar rekwiżiti għall-pjanijiet ta' riorganizzazzjoni tan-negozju
	CP fuq l-RTS dwar rekords iddettaljami ta' kuntratti finanzjarji
	CP fuq l-RTS dwar il-valutazzjoni ta' derivattivi f'riżoluzzjoni
	CP fuq l-ITS dwar ITS fuq FINREP bl-użu tal-IFRS 9
	CP fuq Linji gwida dwar l-ittestjar tal-istress u l-ittestjar tal-istress superviżorju
Dokumenti ta' Diskussjoni	DP fuq u sejħa għal evidenza dwar l-SMEs u l-fattur ta' sostenn tal-SME
	Abbozz ta' dokument ta' diskussjoni JC SC CPFI dwar l-awtomazzjoni f'pariri finanzjarji
	DP fuq il-futur tal-aproċ IRB



## L-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA

Floor 46, One Canada Square,  
London E14 5AA

Tel. +44 (0)207 382 1776

Fax: +44 (0)207 382 1771

E-mail: [info@eba.europa.eu](mailto:info@eba.europa.eu)

<http://www.eba.europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9245-250-6